# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 107/2021 BS**

**Peter Paul Borg**

**-vs-**

**Paul Micallef**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Peter Paul Borg illi ppremetta:**

1. *"Illi l-attur huwa propjetarju kif ukoll possessur ta' erba' porzjonijiet art maghrufa bhala 'ta Wied Biljun' fil-limiti tal-Qala., Ghawdex (1) wahda tal-kejl ta' circa 573mk u tmiss punent ma beni tal-familja Grima; lvant ma beni tal-familja Spiteri u nofsinhar ma beni tal-familja Tabone jew irjieh verjuri; (2) ohra tal-kejl ta' circa 696mk konfinanti mit-tramuntana ma Triq l-Imgarr, punent ma beni tal- familja Grima u lvant ma beni ta' familja maghrufa bil-laqam 'Ta' Flejsi' jew irjieh verjuri; (3) ohra tal-kelj ta' circa 175mk konfinanti mill-punent ma beni tal-familja Grima, lvant u tramuntana ma beni ta' Paul Cauchi jew irjieh verjuri (4) u ohra tal-kejl ta' circa 260mk konfinanti min-nofsinhar ma beni ta' Joseph Cauchi, lvant ma beni ta' Paul Cauchi u pent ma beni tal-famila Spiteri.*

2. *Illi xi ftit xhur ilu l-konvenut accedda minn triq l-Imgarr u dahal fil-porzjon art deskritta fin-numru '2' u go din il-porzjon art kif ukoll gol porzjon art li tigi tahtha battal kwantita ta' terrapien, gebel, hamrija u ramel u dan minghajr il-kunsens ta' l-esponenti.*

3. *Illi dan l-agir jikkostitwixxi f'lezjoni tad-drittijeit ta' l-attur qua sid u pussessur ta' din l-art.*

4. *Illi l-esponenti jrrid illi l-konvenut inehha l-materjal kollu li tefa kif fuq deskritt u wara li jaghmel hekk jerga jaghlaq l-biexb li fetah ghal din il-bicca art.*

5. *Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi ghal dan il-ghan il-konvenut baqa' inadempjenti.*

6. *Illi din il-kawza qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn l-attur Peter Paul Borg li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza."*

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(1) *"Tiddikjara illi bi ksur tad-drittijeit ta' l-attur, il-konvenut acceda fil-propjeta tieghu fuq deskritta fil-premessi u fl-istess artijiet tieghu iddepozita kwantita ta' terrapien, gebel, hamrija u ramel u dan minghajr il-kunsens ta' l-esponenti*

(2) *Tordna lil konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss inaddaf l-istess materjal illi huwa iddepozita f'dawn l-artijiet*

(3) *Tordna lil konvenut sabeix wara li jehles ix-xogholijiet ordnati fit-tieni talba jaghlaq il-bieb li fetah u li mill-art jaghti ghat-triq.*

(4) *Tawtorizza lil attur sabiex fin-nuqqas li l-konvenut jonqos milli jottempera ruhhu ma l-ordnijiet tal-Qorti u jaghmel ix-xogolijiet ordnati fiz-zmien moghti, tali xogħlijiet isiru mill-attur a spejjes tal-konvenut.*

*Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-2 ta' Settembru 2021 u dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Ottubru 2021. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."*

**Rat** li r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut bil-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni billi twahhlet kopja tar-rikors guramentat fl-ghassa tar-Rabat Ghawdex fid-29 ta Awissu, 2023, kif

ukoll fil-kunsill lokali tal-Munxar u fil-bieb tal-komun ta l-ahhar indirizz tal-konvenut nhar l-1 ta Settembru, 2023[1];

**Rat** ukoll id-debita publikazzjoni fil-gazetti lokali tas-6 u s-7 ta Settembru, 2023[2];

**Rat** l-affidavit ta l-attur esebit seduta stante permezz ta nota fis-16 ta Novembru, 2023[3];

**Rat** li fis-seduta tas-16 ta Novembru, 2023 wkoll l-attur ipprezenta kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut[4];

**Rat** li fis-seduta tas-7 ta Dicembru, 2023 il-kawza giet differita biex jinqraw il-kapitoli;[5]

Rat li fis-seduta ta' l-10 ta Jannar, 2024 infethu u inqraw il-kapitoli u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Permezz tal-kawza odjerna l-attur jghid li huwa sid ta diversi apprezzamenti ta raba u li meta huwa dahal f'wiehed minnhom u cioe dik il-bicca raba li tinsab fi Triq l-Imgarr induna li go fiha kif ukoll fil-bicca raba ohra li tigi tahtha kien hemm terrapien, gebel u hamrija u ramel mitfuh. Jghid li dan ma sarx bil-kunsens tieghu u minkejja li interpella lill-konvenut biex inehhi dak il-materjal minn hemm kif ukoll jaghlaq il-bieb li kien fetah, il-konvenut injorah.  Minhabba f'hekk huwa kellu jiftah il-kawza tal-lum.

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm notifikat bit-talba ta l-attur l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk irrenda ruhu kontumaci.

Minbarra f'dan l-attur ipprezenta ukoll kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut liema kapitoli infethu w inqraw fis-seduta tal-10 ta Jannar, 2024.

[1] A fol 20a tal-process
[2] A fol 35 sa fol 38 tal-process
[3] A fol 42 tal-process
[4] A fol 56 tal-process
[5] A fol 58 tal-process

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament biex b'hekk it-talbiet ta l-attur jigi ppruvati. [6]

Billi l-konvenut naqas u ma deherx la meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas fis-seduta ta l-10 ta Jannar, 2024 meta l-kapitoli infethu u inqraw, l-istess kapitoli ghalhekk jirrizultaw misthoqqa u ghandhom jigu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra.

**Decide.**

Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-ragunijiet hawn moghtija l-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet ta l-attur in toto u :

i) Tordna lill-konvenut biex fi zmien xahar mid-data ta din is-sentenza inaddaf il-materjal iddepozitat minnu fl-art ta l-attur u jaghlaq il-bieb li fetah u li mill-art ta l-attur jaghti ghat-triq;

ii) Tawtorizza lill-attur biex fl-eventwalita li l-konvenut jonqos milli jaghmel dak ordnat lilu fis-sentenza tal-lum, l-attur ghandu jaghmel ix-xoghol mehtieg hu a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenut.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**

---

[6] Artikoli 696 et seq tal-Kap 12 Ligijiet ta Malta.